MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 110/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Joseph Mifsud**

Dan huwa appell kontra sentenza li sabet lill-appellant ħati talli ħalla lil min ipejjep f'post li għalih huwa responsabbli u fejn it-tipjip huwa projbit.

L-appellant kien mixli talli fit-8 ta' Frar 2006 għall-ħabta tas-6.15 *p.m.* bħala l-persuna responsabbli bħala *barman* mill-istabbiliment magħruf bħala *Naxxar Lions Football Club*, fi Pjazza Vittorja, in-Naxxar, ħalla lil min ipejjep f'post pubbliku jew post miftuħ għall-pubbliku fejn jiġi offrut ikel u xorb, bi ksur ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk [Kap. 315] u tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Miftuħin għall-Pubbliku [Avviż Legali 414 ta' l-2004].

B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

wara li rat ir-reg. 3 ta' l-Avviż Legali 414 ta' l-2004 u l-artt. 2, 14(2), 17 u 18(2) tal-Kap. 315, u wara li qieset illi l-appellant ma għamilx dak li hu meħtieġ sabiex jevita li jsir ir-reat, sabitu ħati u ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' mitt lira (Lm100).

L-appellant b'rikors tat-3 ta' Marzu 2006 appella minn din is-sentenza u talab illi din il-qorti tħassar is-sentenza u ssibu mhux ħati ta' l-akkuża miġjuba kontrieh.

Il-fatti li jwasslu għal dan il-każ seħħew hekk:

L-appellant huwa *barman* tan-*Naxxar Lions Football Club*, li huwa "post pubbliku" kif imfisser fl-art. 2 tal-Kap. 315 u post "minn fejn jiġi offrut l-ikel u x-xorb" kif imfisser fir-reg. 2 tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Miftuħin għall-Pubbliku, u li l-appellant huwa "persuna responsabbli" għalih skond l-istess regolament. Fit-8 ta' Frar 2006 daħal fl-istabbiliment ċertu Jason Fenech, li huwa bniedem bi bżonnijiet speċjali, u, b'abbuż mis-simpatija illi s-sitwazzjoni tiegħu tiġbed lejh, insista li l-liġi kontra t-tipjip ma tgħoddx għalih u beda jpejjep. Dak il-ħin daħlu fil-post il-pulizija u sabu illi l-appellant ma kienx qiegħed iwettaq l-obbligu tiegħu taħt l-art. 14(2) tal-Kap. 315, illi "jiżgura li ma jsir ebda tipjip" fil-post li għalih hu responsabbli.

L-aggravji ta' l-appellant huma mfissra hekk fir-rikors ta' l-appell tiegħu:

1. hu ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jipprova jwaqqaf lill-klijent milli jpejjep tant li dan kien ħdejn il-bieb ta' barra meta l-pulizija qabdu jpejjep;
2. hu mexa bil-għaqal li trid il-liġi sabiex jipprova jwaqqaf milli ssir din il-kontravenzjoni u lill-klijent tah struzzjoniiet sabiex jieqaf;
3. kien il-klijent li baqa' jinsisti li jpejjep u ġab skuża li għax huwa inkapaċitat ma huwiex marbut bil-liġi;
4. kien proprju dak il-ħin li daħlu l-pulizija u sabu lill-klijent ipejjep u ndunaw b'dak li kien qiegħed isir, u minkejja li l-appellant ta spjegazzjoni ta' x'ġara xorta tressaq il-qorti;
5. lill-appellant jidhirlu li għamel minn kollox sabiex iwaqqaf lill-klijent milli jpejjep fil-każin, u prova ta' dan huwa l-fatt illi meta daħlu l-pulizija fil-każin ma kien hemm ħadd ieħor ipejjep, li jfisser illi l-appellant skrupulożament jagħmel dak li trid il-liġi fuq it-tipjip; u

6. hemm sinjali fil-każin li juru biċ-ċar illi ħadd mill-klijenti ma jista' jpejjep fil-każin u dawn is-sinjali huma murija f'post prominenti u li jistgħu jiġbdu l-attenzjoni tal-klijenti.

Il-liġi tqiegħed fuq il-"persuna responsabbli", kif imfissra fil-liġi stess, l-obbligu u d-dmir li ma tħallix li jsir tipjip fil-post li hija responsabbli għalih. Dan huwa meħtieġ sabiex il-liġi tkun tista' titħaddem u ma tkunx stultifikata, kif jiġri jekk il-persuna responsabbli titħalla teħles mid-dmirijiet tagħha jekk jinzerta jkun hemm klijent li "jinsisti" li jpejjep.

Lanqas ma jista' l-appellant igħid tassew illi għamel kull ma seta' biex iħares il-liġi, għax, minkejja dak li jgħid fir-rikors ta' l-appell, meta xehed qal illi lill-klijent ma raħx ipejjep għax kien fuq ġewwa, u għalhekk fil-fatt ma għamel xejn biex iwaqqfu. Kif sewwa osserva l-Avukat Ġenerali, il-fatt illi l-persuna responsabbli tqiegħed lilha nfisha f'pożizzjoni fejn ma tistax tikkontrolla s-sitwazzjoni jfisser illi tkun naqset mill-obbligu li "tadotta miżuri biex tiżgura li t-tipjip isir biss fil-kmamar … … … fejn jista' jsir tipjip", kif irid ir-reg. 5(b) tar-Regolamenti.

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell ma jistax jintlaqa', u l-qorti għalhekk tiċħad l-appell u twettaq f'kollox is-sentenza appellata.

Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------